# Il-Ħamrun Ta' Tfuliti Fis-Snin Erbgħin Tas-Seklu Għoxrin

## Ritratti mentali tul il-firxa minn Pjazza Fra Diegu jew Misraħ San Pawl sa quddiem il-Knisja

Siltiet mill-Memorji ta' Richard A. Matrenza

**PREAMBOLU**

Is-Sibt wara nofsinhar. Fl-ewwel jiem tal-Ħarifa. F'art oħra. Klima aktar kiesħa. Differenti, ħafna differenti, mill-ġranet sajfin, imxemxin, jaħarqu, meta nkunu qed nifirħu fil-festa tagħna.

Ir-radju qed ixandar dokumentarju storiku dwar l-iżvilupp tar-raħal fil-pajjiż fejn qiegħed. Interessanti. Rivelattiv. Jispirak. Iqanqallek kurżitajiet storiċi.

U hekk ġrali. Ġabli tifkiriet tal-Ħamrun ta' tfuliti. Tas-snin ta' l-aħħar erbgħinijiet tas-seklu l-ieħor. U l-bidu tas-snin ħamsin.

Meta tkun tfal ftit li xejn taħseb fil-futur. Meta tikber, aktar ma tkun qed tersaq lejn l-inevitabbli – it-tmiem – li jiġi u jasal bilfors lil kulħadd, it-tifkiriet ta' l-imgħoddi jiġu jiġru.

U dawn il-memorji ta' l-imgħoddi tibda tarahom b'għajnejn oħra. Differenti minn kif kienu jidhru għalik fi tfulitek.

Il-Ħamrun ta' bejn sittin u sebgħin sena ilu kien għadu qed jikber u jiżviluppa. Kien għadu qisu raħal se joħroġ mill-fosdqa biex isir belt. Dan jixhduh it-tip ta' ħajja, il-ħwienet.

Konna nqisuh subborg tal-Belt Valletta. It-tramm kien fetaħ it-triq xi snin qabel biex in-nies titħajjar li tibda tmur tgħix fil-Ħamrun. Toħroġ mill-Belt.

Xhieda ta' kif il-Ħamrun kiber fl-ewwel tletin sena tas-seklu għoxrin huma n-numri tal-bibien fi Triq Irjali San Ġużepp. Eżempju ta' dan huwa fejn trabbejt jien f'Numru 705. Qabel in-numru kien 421. Ifisser illi l-bini kien żdied. Id-djar kotru.

F'din il-kitba tal-lum jiena se nagħti titwila, f'dawk id-dettalji kif niftakarhom ta' dik il-firxa tat-triq illi minn quddiem il-knisja twassal sa Misraħ San Pawl jew il-Pjazza ta' Fra Diegu kif nafuha popolarment.

Qed inkompli nikteb dak li bdejt fil-Ħarifa 2001, fl-ewwel jum ta' Ġunju – ir-Rebbiegħa fis-sena 2002. Din id-darba f'lejla sabiħa fil-Qbajjar ta' Għawdex, tal-gżira oħtna li tant inħobb.

* * * * * * * * *

Id-dar fejn twelidt u trabbejt fil-Ħamrun tħokk mal-Każin San Gejtanu. Minn fuq l-għatba tal-bieb, l-isfel fuq ix-xellug, hemm il-Pjazza. L-Isqaq tal-Forn qiegħed fuq l-istess bankina fuq il-lemin ftit 'il fuq. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq il-Knisja parrokkjali. 'Il fuq, fuq il-lemin.

Ħdejn il-Knisja kien hemm u għad hemm l-Oratorju. Triq l-Oratorju, illum Triq Tommy Caruana Demajo, li tiżboq fi Triq Irjali bi dritt quddiem fejn illum hemm l-istabbiliment ta' Elia tal-ħelu, dak iż-żmien kien hemm it-Talkies it-TRIANON. Iżda naħseb illi l-aktar prominenti f'kull sens kien il-ħanut fil-kantuniera ġo Triq Irjali. "Salon le Progres" kien jismu. Ħanut tal-parrukkier jew tal-barbier. Fis-snin erbgħin il-proprjetarju kien jismu Teru. Aktar minn ħanut tal-barbier, sew f'dak iż-żmien u sew wara sakemm baqa' ħanut tal-parrukkier, dan kien ċentru ta' informazzjoni, tagħrif u tqassqis fuq din, dak u l-oħra.

Niftakarni tifel żgħir jaqtagħli xagħari Frans. Ipoġġuni fuq banketta fuq il-pultruna biex jistgħu "jaħdmu" fuqi. Frans Piccione fis-snin ħamsin kien fetaħ il-ħanut tiegħu ta' parrukkier fi Triq Qormi biswit Triq il-Wiesgħa (Broad Street, illum Triq Dun Nerik Cordina Perez). Għal snin twal Frans kien baqa' jaqtagħli xagħari.

Kif tilwi ġo Triq Irjali minn ħdejn is-"Salon le Progres", illi għamel snin twal bil-bieb ta' barra qatt ma ħa lagħqa żebgħa, tant illi l-ġurnal umoristiku ta' dak iż-żmien Il-ĠANNETT kien jinbxu fuq dan in-nuqqas ta' 'progress', kien hemm Aquilina il-ħajjat. Ilbiesi qatt ma għamilli iżda pasturi tal-presepju xtrajt mingħandu.

Kważi fit-tarf tan-niżla ta' Triq Oratorju kien joqgħod TONI Z-ZIZKA. Tistaqsunix xi tfisser l-aħħar kelma. Raġel twil twil, kien jaqlagħlek il-kallijiet. Illum ngħidulu Kiropodista jew Podoloġista. Dari n-nies kienu aktar diretti fi kliemhom.

Karattri oħra li kienu u għadhom ifiġġu quddiem għajnejja sal-lum huma Gori, li kellu ħanut ta' regettier ftit l-isfel mid-dar tagħna fuq ix-xellug. Dolfu l-ħajjat. Il-Kirjolina, Bonavia tal-prams, Cassar tal-prams u tar-roti. Xi żewġ bibien aktar l-isfel kien hemm dak li kien ibiegħ sigaretti u ġurnali. Ħdejh kien joqgħod il-Viċi, Dun Manwel Cardona illi l-blast ta' bomba fiż-żmien il-gwerra kien kaxkru sew iżda baqa' ħaj.

Kien hemm spiżerija bi dritt Broad Street. L-Ispiżjar jew 'Compounder' x'kien, tabilħaqq kien karattru eċċentriku. Aħna t-tfal konna nogħxew nistennewh jagħlaq il-bieb ta' barra u jara u jerġa` jara li għalaq sewwa.

Saħansitra jagħmel xi sinjal tas-salib fuq is-sokra bil-muftieħ f'idu.

U la qed insemmi l-ispiżeriji rrid insemmi Numru 706. Meta dan il-post kien inbidel fi spiżerija, wara li ħarġu minnu fejn kellhom il-ħanut rappreżentanti tad-ditta SINGER, il-familja ta' Maestro Charles Camilleri, li kont nilgħab bis-suldati taċ-ċomb miegħu, l-ispiżerija kienet COLONIAL PHARMACY.

F'dawk iż-żmenijiet donna konna nogħxew nagħtu ismijiet bit-timbru kolonjali bħalma kien il-ħanut tal-grocer COLONIAL STORE ta' quddiem il-Knisja.

Insomma l-ispiżerija ta' ħdejna kelli s-Sur Wiġ li konna ngħidu li kien spiżjar. Niftakar lil ommi tkellmu u hu kien iqartas xi duwa għal meta jkolli xi ponta. Jonkella jagħtiha xi taħlita taż-żejt u moxt tal-metall żgħir biex tiżgura illi xagħri ma jrabbix qamel. Fis-snin tal-gwerra dawn il-ponot u dud li jitrabbew min-nuqqas ta' iġjene u nies jgħixu kważi fuq xulxin fix-xelter, dawn kienu komuni.

Irrid insemmi wkoll l-Ispiżerija DAVY PHARMACY ftit lil hinn mill-oħra ta' quddiem Broad Street. Kien hemm Farmaċista is-Sur Xuereb illi żmien wara ltqajt miegħu bħala Master tal-Fiżika fil-Liċeo tal-Ħamrun, fejn kien wara l-għassa tal-Pulizjia. Kollha fuq ix-xellug tad-dar-ħanut tagħna fil-biċċa sa quddiem "Broad Street" illum Triq Monsinjur Cordina Perez.

Dolfu l-ħajjat kien joqgħod eżatt tliet bibien l-isfel minna. Jiena qatt ma niftakar narah iħit. Raġel kwiet. Kienu jimpressjonawni żewġ uliedu nisa, xebbiet twal twal. Dejjem rajthom flimkien. Waħda kellha għazza kbira fuq naħa ta' wiċċha. Kienet timpressjonani.

Il-Kirjolina, bieb ma' bieb ma' Dolfu. Mara u dar indaf tazza. Kellha xagħarha bin-nokkli twal. Niftakarha dejjem



© Ritratt mill-kollezzjoni ta' l-awtur

***Festa 1948. Il-gwerra spiċċat. Tat-Tamal dejjem kienu inġenjużi u innovattivi. Biex jipproteġu xi ftit mill-qilla tax-xemx ta' Awissu, għall-marċ ta' filgħodu użaw paraxut!***

bilqegħda fit-tarf ta' l-intrata qabel il-bitħa u fis-sajf ġieli fuq is-siġġu barra fejn il-bieb. Din kienet drawwa komuni ħafna tal-familji dak iż-żmien fil-ġranet tas-sħana.

Bonavia kellu żewġ tabelli ta' l-injam bil-kliem fuqhom miżbugħin bl-aħmar "Bonavia Bros. Hamrun". Dawn kien idendilhom fuq kull naħa tal-bieb ta' barra tal-ħanut. Ta' tifel żgħir li kont, domt ftit ma fhimt illi dik il-"Bros." kienet "Brothers" imqassra u l-iskop tagħha kien biex tiddistingwi minn ħanut ieħor tal-familja Bonavia li kellhom f'Birkirkara.


© Ritratt mill-kollezzjoni ta' l-awtur

***Festa 1948. Fil-marċ tal-Ħadd filgħodu. Interessanti tistudja l-andament tan-nies u tara l-ħwienet u t-tabelli ta' dak iż-żmien***

Dwar Gori u l-mara tiegħu li niftakar hu li meta kont inħares ġol-ħanut minn barra, kont nara biss bħal dalma. Kienu jidhru xjuħ ħafna f'għajnejja.

Il-ħanut ta' Gejtu tal-pastizzi fit-tarf ta' Broad Street fi Triq Irjali. Il-ħanut għadu hemm. Kważi eżatt kif kien ħamsin sena ilu. Iġibli ħafna nostalġija. Niftakar serbut twil ta' nies jistennew biex jixtru boroż ta' pastizzi. Kellu mhux biss fama iżda prodott tajjeb. Pastizz kien jiswa tliet soldi.

Ħafna drabi, nhar ta' Sibt filgħaxija, ommi u jiena konna nieklu pastizzi ta' Gejtu u nixorbu x-Schweppes Orange li kienet għadha kif ħarġet fuq is-suq f'Malta fl-aħħar tas-snin erbgħin.

Minflok il-pastizzi s-Sibt filgħaxija wkoll, ommi kienet tixtri l-mazzit u l-fwied taċ-ċanga (mhux tal-majjal) mingħand Ċensu ta' Ċesula, ħdejn il-Lega. Lil ommi u l-familja, Ċensu kien iwarrbilna l-fwied taċ-ċanga, jaqdina tajjeb. Jiddispjaċini ngħid illi meta żżewwiġt u xtaqt inkompli nixtri mingħandu, Ċensu lili ma kienx jaqdini tajjeb. Hu jaf għaliex. Ħutu, Pawlu u Salvu kienu aktar ġentili miegħi. Insomma, ommi kienet issajjar il-fwied bit-tewm u taqli l-patata forma ta' djamant. U jien nindafar. L-ikel minn dejjem inħobbu.

Dwar il-Lega ktibt artiklu fit-tul meta l-Lega għalqet 60 sena fil-1986. Il-

memorji tiegħi tal-Lega sakemm kelli 14-il sena huma sbieħ.

Imbagħad kien hemm il-ħwienet tal-ħelu tad-de Redin u ta' Bonaci - Karmenu u Elia, qabel ma fetħu negozji għal rashom. Quddiem il-Pjazza kien hemm ħanut ieħor tal-ħelu immexxi minnn omm anzjana u bintha. Kienu jogħġbuni il-kannoli tagħhom bil-krema, li wara sirt naf li jisimha krema pastiċċjera, li kienu jagħmlu għal nhar ta' Ħadd. Is-sinizza ta' Bonaci kont immut għaliha.

Ngħid is-sewwa għadni sal-lum kultant nerġa' mmur infittex it-togħma li kienet tħallili. Il-pane di spagna tad-de Redin kienet tinżilli għasel. Anki naraha biss fil-vetrina fuq il-ġenb tal-bieb tal-ħanut jiena u nirfes it-tarġa ta' l-injam biex nidħol ġewwa.

Imbagħad id-de Redin il-missier kien ipaxxini narah fuq il-bejt tad-dar tiegħu biswit il-bejt tad-dar tagħna idur mal-gallinari tal-ħamiem u jtajjarhom.

Bieb ma' bieb mal-ħanut tad-de Redin kien hemm il-ħanut ta' l-iskarpan. Qabel ma ġie Peter, warajh. Insejt ismu. Niftakar illi huwa kien ukoll idoqq strument tar-ramm mal-Banda, mingħalja ma Ta' Fuq. Li niftakar ċar hu li kellhom ħafna tfal.

Fil-meżżanin ta' ħdejh kien hemm Ġorġ Farrugia u l-mara tiegħu Tonina. Koppja bla tfal. Tgħidx kemm kienu jħobbuni. Tant li riedu jrabbuni! Ġorġ kien aġent u distributur tal-birra taċ-Cisk. Snin wara kien ir-rappreżentant għal Malta u Għawdex tal-COCA COLA. Baqa' jirrispettani anki meta kbirt u dejjem sibt l-għajnuna tiegħu meta fittixtha. Kien iħobb ħafna lill-ħaddiem u kull meta fiż-żminijiet diffiċli ħabbattlu l-bieb biex jagħti l-għajnuna b'riżq il-ħaddiema, dan għamlu bla tlaqliq u b'ġenerożita' kbira.

Eżatt quddiemna kien hemm il-ħanut ta' Anni, l-**HMS Europa Bar**. Hekk kien jismu. Il-ħanut kellu l-klijenti tiegħu ta' ġewwa. Iżda l-aktar li kien jolqotni kien "klijent" partikolari fuq barra li qatt ma kien jitħalla jidħol ġewwa.

Ismu eżatt qatt ma sirt nafu. Kien magħruf bħala



© Ritratt mill-kollezzjoni ta' l-awtur

***Tarawh l-isem tal-ħanut tax-xorb "HMS Ewropa Bar"? Dak il-bandist tfajjel tal-klarinett, juri li tat-Tamal dejjem investew għall-futur. Festa 1948.***

"il-Gixxa". Naħseb illi kien ftit sempliċi. Dan daħħal f'rasu, jew daħħlulu f'rasu, illi Anni kienet għaż-żwieġ. U jien niftakarni nara u nosserva minn isfel jew mill-gallarija tagħna il-praspar tal-Gixxa biex jiġbed l-attenzjoni ta' Anni illi xejn ma kienet tilqagħhom bil-ħerqa. Anzi għall-kuntrarju. Saħansitra darba fost l-oħrajn meta tellagħhomla xi ftit iżżejjed battlet fuqu dak li kellha fir-reċipjent li kien jinżamm taħt is-sodda għal bil-lejl.

Iċ-ċajt ta' dawk is-snin kien forsi xi ftit goff ukoll.



*Festa 1948. Quddiem il-Knisja. Il-Ħadd filgħodu wieħed josserva kif kien il-bini dak iż-żmien u anki d-djar u l-ħwienet.*

© Ritratt mill-kollezzjoni ta' l-awtur

Ċertu karattru ieħor kien magħruf bħala id-Dubbiena. Ħalli għalihom iż-zgħażagħ u anki dawk m'humiex, soċi u mhux membri tal-Każin San Gejtanu jivvintaw kif igħaddu siegħa żmien bid-Dubbiena u mad-Dubbiena. Kultant kienu jkunu xi ftit kattivi għalkemm mhux bl-intenzjoni ta' qalb ħażina imma minħabba d-drawwiet taż-żmien bħalma kien it-tijatrin li konna nidħku b'min itemtem, min izappap jew ma jismax. Lid-Dubbiena kienu jieħdu gost jarawh jiġri wara xi sitt ħabbiet jew xi sold li kienu jitilqulu ma' l-art biex hu jiġborhom. U l-akbar għors, forsi tiegħi ukoll ta' tifel żgħir bla għaqal, kien ikun meta is-sitta jew is-sold ikunu għamluha taħraq ħafna u meta d-Dubbiena jitbaxxa biex jiġborha jarawh jaqbeż u jogħla għax ikun ħaraq subgħajh.

Niftakar u nixtieq infakkar b'mod partikolari lil BALEL żagħżugħ ta' ħeġġa, dak iż-żmien jiġri bit-torot tal-pastizzi u tal-qassatat, iwassalhom lejn il-bottegin tal-Każin tat-Tamal. Minn hemm u meta kbirt bqajt nirrispetta il-ħeġġa u l-ħila ta' dan il-Ħamruniż illi bena lilu nnifsu. Saħħa u sliem, għażiż Balel. L-istess rispett għandi għal ħabibi ta' tfuliti Fonzu Farrugia.

Il-ħanut tax-Xongli quddiemna kien ibiegħ bl-ingrossa u bl-imnut mill-ixkejjer. Illum ftit jew xejn baqa' min ibiegħ hekk. Safejn naf jien f'Malta

hemm ħanut wieħed wara s-Suq tal-Belt fi Triq San Pawl. Wara x-Xongli il-ħanut inbidel f'Reno's Tailoring u Monarch Pharmacy.

Drawwa fil-Ħamrun li ma nafx jekk kenitx f'xi belt jew raħal ieħor ta' Malta fis-snin erbgħin kienet il-bejgħ tax-xemgħa minn fuq karrettun żgħir fil-ġenb tal-knisja ta' San Gejtanu fi Triq il-Ġdida illum Triq Anton Buttigieg. Ġużeppi Micallef kellu l-fabbrika tax-xemgħa fi Triq Magri. Kien magħruf bħala s-sur Ġuże' tax-xemgħa. Wieħed minn uliedu kien ta' l-eta' tiegħi. U kont ngħaddi ħafna ħin ħdejh meta hu kien ikun mal-karettun biex ibiegħ minn dik ix-xemgħa lil min ikun dieħel il-knisja. Din id-drawwa nqatgħet. Ma niftakarx meta ntemmet.



© Ritratt mill-kollezzjoni ta' l-awtur

***Festa 1948. Il-Ħadd filgħodu. Quddiem il-Knisja. Osservaw il-moda ta' l-ilbies ta' dak iż-żmien. Il-pavaljuni kienu żżanżnu s-sena ta' qabel fiċ-Ċentinarju ta' l-1947.***

Quddiem il-knisja kien hemm Scerri tas-sigaretti. U tal-pipi. Jiena qatt ma pejjipt u s-sigaretti nobgħodhom. Ta' madwar sittax-il sena biex nuri li kbirt, xtrajt pipa. Mhux dritta. Minn dawk mgħawġin qishom S. Qatt ma qabbadtha. Basta li għal xi żmien kont inwaħħalha bejn snieni u minn ħin għal ieħor inneħħiha minn ħalqi u nerġa' npoġġiha qisni xi fumatur prim. Bluhat taż-żgħożija!

U la qed nikteb dwar is-sigaretti nsemmi l-ħanut ta' CAMILLERI eżatt quddiem il-Pjazza. Ibnu Ino u jiena u oħrajn, bħalma kien Benny Attard, it-tifel tal-Modista, Frans Vella, Lino (Anġlu) Grech – li wara kien sar Patri Dumnikan, Patri Ġulju illum mejjet u li missieru kellu ħanut quddiem il-knisja ta' Santu Nuzzu, konna tal-klikka mill-ewwel sena tal-Liċeo sal-ħames sena.

Karattri li ma nista' ninsihom qatt u li kienu jgħixu jew jaħdmu fil-medda li qed nitkellem u nikteb dwarha huma dawn li ġejjin.

Spiru s-sillar li kien ukoll jagħmilha ta' sensar. Warajh ġie Primo. Għamilli qrieq u żraben. Dak iż-żmien żarbun jew qorq kont tagħmlu tal-qies. Il-ħanut kien eżatt quddiem il-Każin San Gejtanu u ħdejn it-Tivoli tal-ħelu, illi kont nitgħaxxaq f'dawk is-snin ta' wara l-gwerra, meta bdejt nara s-suflejiet fil-vetrina.

Il-gwerra ftit niftakarha. Meta faqqgħet f'Ġunju 1940 kelli ftit anqas minn erba' snin. Niftakarni naħseb illi l-ħsejjes tat-tfaqqigħ ta' l-isparar kont naħsbu daqq tal-banda u tat-tambur iżda li kien għalxejn nistenna l-Banda ġejja nittawlilha mit-toqba tal-muftieħ tal-bieb ta' barra, għax kif jaf kulmin kien kbir, din ma kienet banda xejn!

Niftakar sewwa immorru fix-xelter tas-Sinjura Roż tal-Ħamramann li kienu joqgħodu quddiemna. U niftakar ukoll lil din il-bniedma ġentili xi snin wara tgħinni nitgħallem nikteb in-numru 2. U kif kienet temfasizza miegħi kif nippronunzja l-ittra R.

Minbarra Primo, li kien Tripolin, kien hemm Runza taż-żraben. Kien hemm żewġ aħwa ġuvintur, wieħed bil-ħanut fejn il-pjazza u l-ieħor ftit 'il fuq mill-Każin. Runza ieħor kellhom it-tifel Litterio li konna flimkien l-iskola tal-Gvern u l-Liceo. Ħanut taż-żraben ieħor li kien jolqotni bl-isem tiegħu kien Grech and Hicks. Kont ukoll impressjonat ta' tifel żgħir li kont bil-vetrina futuristika għal dak iż-żmien li kellu fil-Ħamrun. Il-ħanut kien bejn Sqaq il-Forn u l-Każin.

Eżatt fil-kantuniera fit-tarf tat-triq kif tħalli Sqaq il-Forn kien hemm il-ħanut tax-xorb tal-Palajs. L-aktar li niftakar, ir-ruġġata tal-lumi li kont tista' tixtri minn fuq il-bank bl-irħama fil-ġenb tal-bieb.

Lukardu ta' l-inbid kien il-ħanut tax-xorb ta' l-irġiel fejn illum hemm il-ħanut tat-TVs u li qabel ma ħadu Consiglio tal-Loewe Opta kien Fergħa tal-Barclays Bank. Semmejtu bħala "ta' l-irġiel" għax donnu n-nisa kienu jibżgħu jirfsu ġewwa. Niftakarni mmur niġri meta ommi kienet tinħtieġ xi tapp tas-sufri għal xi flixkun......u naturalment tibgħat lili.



© Ritratt mill-kollezzjoni ta' l-awtur

***Festa 1948. Il-Ħadd filgħodu. Fuq il-planċier quddiem l-Oratorju. Min jaf min huma! Min jaf x'sar minnhom. Tgħid nanniet?***

Kellna xi ħwienet ibiegħu u jagħmlu l-kpiepel tan-nisa. Karmena Attard, Modista, bil-ħanut eżatt fil-bokka ma' Sqaq il-Forn imma fi Triq Irjali. L-oħra, insejt isimha, kienet fit-tarf ta' ġewwa ta' l-Isqaq. Ħdejn Ġulina tal-Forn. Kien hemm ukoll ta' Mercieca fuq in-naħa l-oħra ta' l-Isqaq ħdejn Triq Villambrosa. Ħanut ieħor kien bejn it-Tivoli u Sciortino tar-ritratti fil-parapett. F'dawk iż-żminijiet in-nisa kienu għadhom jilbsu l-kpiepel.

Dak iż-żmien il-familji kienu jagħmlu ħafna xiwi fil-forn barra d-dar. Imqarrun fil-forn, Patata fil-forn, torti tal-ħelu jew ta' l-irkotta. Niftakarni nieħu d-dixx il-forn. Ningħata n-numru fuq biċċa pjanċa daqs ta' bolla u li oħra bħala kienet titpoġġa fid-dixx. Biex kulħadd jieħu tiegħu. U Ġulina kienet ukoll taħmi l-ħobz... u tagħmel it-tfal. Ma nafx eżatt kemm kellha. Imma żgur li kellha ħafna. U konna nilgħabu ferħana flimkien ma' Benny, it-tifel uniku tal-Modista, ma' Fonzu Farrugia u l-kuġini tiegħu fl-Isqaq u mat-tfal tal-bidillu tal-każin San Gejtanu.

Tfuliti qsamtha ma' dawn kollha, mat-tfal tal-Lega, it-tfal ta' tobba fil-Ħamrun u bosta oħrajn minn oqsma mħallta fil-ħajja u fix-xogħol sew professjonali kif ukoll ta' l-id u tan-negozju.

## GHELUQ

Kbirt f'dan l-ambjent illi għamilni dak li jien. Nara f'ħija l-bniedem, xejn aktar jew anqas milli hu - bniedem ieħor - ħolqien bħali. Dak ta' Okella Agius naqsam miegħu fil-logħob u fl-iskola, l-istess bħall-iehor li missieru kien "tat-tajjeb". Għajnejja trabbew u baqgħu jaraw mhux il-qoxra ta' barra jew l-indirizz fejn joqgħod it-tali jew bin min hu, iżda hu x'inhu u x'għandu f'qalbu u f'moħħu. Mhux x'jilbes u kif jilbes.

Ħafna drabi niftakarni ngħid waħdi, bejni u bejn ruħi, "Għaliex jiena għandi u dak jew dik m'għandhomx?"

Jien kburi illi l-Ħamrun kien il-benniena u l-ispirazzjoni fejn jien sirt raġel sħiħ u magħmul u magħġun f'dak kollu li nemmen u nipprattika

---

P.S. Hemm ħafna u ħafna memorji oħra tal-Ħamrun ta' tfuliti. Għal-lum nieqaf hawn. Nittama li jkolli ċ-ċans u l-ispazju drabi oħra.



*Richard A. Matrenza DPE (Oxon) FRES huwa President Onorarju tal-Każin San Gejtanu. Trabba l-Ħamrun iħokk mal-Każin. Tgħallem fl-Iskola tal-Gvern tal-Ħamrun, il-Liċeo, u l-Kulleġġ tal-Għalliema. Studja wkoll fl-Università ta' Oxford, fil-London School of Economics u l-Università ta' Glasgow. Għamel karriera għalih innifsu bħala għalliem, uffiċjal ta' Trejd Unjon, Ekonomista u Konsulent speċjalizzat fir-Relazzjonijiet Industrijali. Huwa kien Ambaxxatur għal pajjiżi Skandinavi u Kummissarju Għoli għal Malta f'Londra.*